MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-22 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 603/1985/1

**Charles Abela**

**Vs**

**Carmen mart Michele Lanteri u l-istess Michele Lanteri bhala l-amministratur tal-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejniethom u ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fid-9 ta' Mejju 1985 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi bi skrittura privata tat-22 ta' Gunju 1984 l-attur issulloka l-blokk ta' bini maghruf bhala Belmont Hotel f' Mrabat Street, St. Julians kif deskritt ahjar fl-istess skrittura (Dok. A) lil Carmen mart Michele Lanteri versu l-

kera ta’ elfejn hames mija u ghoxrin lira Maltin (Lm2520) fis-sena tithallas b’ rati ta’ sitt mija u tletin lira (Lm630) kull tliet xhur bil-quddiem b’ effett mill-1 ta’ Lulju 1984 u bl-awmenti miftehma;

U premess illi fl-istess skrittura l-attur biegh lil Carmen Lanteri l-ghamara, attrezzi u oggetti ohra imsemmija fl-iskrittura in kwistjoni u inventarju anness maghha, u dan versu l-prezz ta’ disat elef lira Maltin (Lm9000) li minnhom erbat elef lira (Lm4000) thallsu dakinhar, u l-bilanc ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5000) kellu jibda jithallas f’ ammonti ta’ elf mitejn u hamsin lira Maltin (Lm1250) il wiehed kull sitt xhur b’ effett mill-1 ta’ Jannar 1985, minghajr imghax u jekk il-hlas ma jsirx fi zmien hmistax-il gurnata minn kull skadenza, allura jiddekorri imghax ta’ tmienja fil-mija fis-sena (8%) sal-hlas finali;

U premess illi Carmen Lanteri ma hallsitx il-kera fl-iskadenzi ta’ l-1 ta’ Jannar 1985 izda hallset biss akkont ta’ Lm100, u ghalhekk fadlilha thallas hames mija u tletin lira (Lm530) ghal dik l-iskadenza;

U premess illi lanqas l-iskadenza ta’ kera ta’ l-1 ta’ April 1985 fl-ammont ta’ sitt mija u tletin lira Maltin (Lm630) ma thallsitx;

U premess illi lanqas l-ammont ta’ Lm1250 li kellu jithallas lil attur fl-1 ta’ Jannar 1985 akkont tal-bilanc li kien fadal mill-bejgh ta’ l-oggetti fuq imsemmija, ma thallasx;

U premess illi Carmen Lanteri giet interpellata b’ tliet ittri bonarji tal-10 ta’ Frar, 12 ta’ Marzu u 15 ta’ April, 1985 sabiex teffetwa l-hlas, izda baqghet inadempjenti (Dok. B, C u D);

U premess illi jirrikorru l-elementi kollha rikjesti mill-Artikoli 167 – 170 tal-Kodici ta' Procedura Civili ghad-dispensa mit-trattazzjoni tal-kawza u l-istanti qed jannetti ma’ dan l-affidavit rikjest mill-istess artikoli (Dok E);

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex dispensata t-trattazzjoni tal-kawza ai termini ta’ l-Artikoli fuq citati:-

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta’ elfejn erba’ mija u ghaxar liri Maltin (Lm2410) rapprezentanti t-total ta’ l-ammonti ta’ Lm530 u Lm630 ghall-iskadenzi tal-kera tal-Hotel Belmont ta’ l-1 ta’ Jannar u l-1 ta’ April 1985 kif fuq spjegat, u s-somma ta’ Lm1250 li kienet dovuta fl-1 ta’ Jannar 1985 bhala akkont ta’ l-oggetti kollha mixtrija mill-konvenuta kif fuq imsemmi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri bonarji tal-10 ta’ Frar, 12 ta’ Marzu u 15 ta’ April 1985, u bl-imghaxijiet kummercjali sal-pagament finali kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni, u bl-ispejjez tal-mandati ta’ qbid, impediment tas-safar u sekwestru bin-numri rispettivi ta’ 848/85, 849/85 u 850/85;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat id-digriet tal-15 ta’ Mejju 1985 li permezz tieghu l-Qorti pprefiggiet terminu ta’ ghoxrin gurnata lill-konvenuti biex jipprezentaw in-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghhom;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fid-29 ta’ Mejju 1985 li permezz taghha huma eccepew:-

1. Illi l-proprjeta` lilhom mikrija hija affetta minn difetti li kienu mohbija, kif jirrizulta mid-Dokument “F” anness ma’ din in-nota, u li huma ma kienux jafu bihom u ghaldaqstant l-attur huwa tenut, skond il-ligi li jaghmel tajjeb ghal dawn id-difetti;

2. Illi s-somma reklamata fl-att tac-citazzjoni mhix dovuta stante illi huma jippretendu illi huma kredituri versu l-attur cirka fl-istess ammont (Dokument “F”, “G”, “H”) u kif jigi ulterjorment ippruvat waqt is-smigh tal-kawza;

3. Salv eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez komprizi dawk maghmula ghac-cedola ta’ depozitu u ghall-kontro-mandati wara l-mandati imsemmija fl-att tac-citazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuti, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti man-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghhom;

Rat id-Digriet tas-17 ta’ Gunju 1985 li permezz tieghu gie nominat AIC M’Angelo Refalo bhala perit gudizzjarju biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’ jaqsmu mal-kaz;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti pprezentanta fl-4 ta’ Novembru 1988 li permezz taghha eccepew:

1. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gja moghtija mid-data tal-prezentata ta’ l-ewwel nota ta’ l-eccezzjonijiet, kif jirrizulta mid-dokument “I” anness ma’ din in-nota, instabu difetti mohbija ohra fil-fond in kwistjoni li l-eccepjenti ma kienux jafu bihom u l–attur huwa tenut skond il-ligi li jaghmel tajjeb ghalihom;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramenta tal-konvenuti, l-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat ir-rapport ipprezentat mill-perit nominat, li jinsab a fol. 120 *et sequitur* tal-process u li gie minnu debitament konfermat fis-seduta tad-19 ta’ Ottubru 1992;

Rat id-digriet tas-6 ta’ Mejju 1993 li permezz tieghu gew nominati bhala periti addizzjonali l-Avukat Dr. Giannino

Caruana Demajo, il-Professur Robert Ghirlando u AIC Frederick Doublet; kif ukoll dak tat-13 ta’ Frar 1995 li permezz tieghu gie sostitwit Dr. Giannino Caruana Demajo bl-Avukat Dr. Tonio Mallia bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti li giet ipprezentata fit-12 ta’ Novembru 2002 li permezz taghha eccepew illi l-meritu ta’ din il-kawza huwa ormaj ezawrit billi s-somma pretiza mill-attur thallset fil-mori ta’ din il-kawza;

Rat id-digriet tad-9 ta’ Jannar 2004 li bih giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana sabiex tigbor il-provi limitatament u in konnessjoni mat-trovata tad-dokument li jirreferi ghal pagament li allegatament sar mill-konvenuti lill-attur;

Rat l-Affidavits u d-dokumenti esebiti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur ipprezentata fil-25 ta’ Novembru 2005, kif ukoll dik responsiva tal-konvenuti pprezentata fil-5 ta’ Jannar 2006;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Jidher opportun f’ din l-istanza illi l-Qorti titlaq mill-punt ta’ dak li gie mitlub mill-attur fil-prosegwiment tad-dritt tieghu. Dan anke ghaliex hu proprju “*cio che è attualmente domandato*” (**Kollez. Vol. X pagna 926**) li jifforma l-<u>oggett</u> tac-citazzjoni, u allura fl-ghoti tas-sentenza l-Qorti “hija strettament marbuta mat-termini tac-citazzjoni li jistitwixxi

l-attur, u ma tistax tohrog ‘il barra jew tmur aktar ‘il boghod minnhom” (**Kollez. Vol. XLII P I p 43**);

B’rikollegament ghall-iskrittura privata tat-22 ta’ Gunju 1984 (esebita a fol. 6), l-attur qed jiddomanda minghand il-konvenuti l-hlas tas-somma komplessiva ta’ elfejn erba’ mija u ghaxar liri (Lm2410), suddiviza kif gej:-

(i) bilanc ta’ kera fl-ammont ta’ hames mija u tletin lira (Lm530) ghall-iskadenza li ghalqet fl-1 ta’ Jannar 1985;
(ii) skadenza ta’ kera fl-ammont ta’ sitt mija u tletin lira (Lm630) li ghalqet fl-1 ta’ April 1985;
(iii) is-somma ta’ elf mitejn u hamsin lira (Lm1250) dovut fl-1 ta’ Jannar 1985 rapprezentanti l-ewwel akkont tal-bilanc ta’ l-ammont pattwit ghall-bejgh ta’ attrezzi, ghamara u oggetti ohra inventarjati fuq il-precitata skrittura;

Kontra din it-talba, il-konvenuti mhux biss ma jaccettawx li huma debituri fl-ammont reklamat, talli jippretendu li huma kredituri ta’ l-attur. Huma jibbazaw dan l-assunt taghhom fuq id-difiza principali illi l-fond lokat lilhom, kompriz l-accessorji tieghu, kienu affetti minn difetti mohbija;

Ic-citazzjoni in ezami giet introdotta fid-9 ta’ Mejju 1985 u l-eccezzjonijet ghaliha fid-29 ta’ Mejju 1985. Fit-12 ta’ Lulju 1985 il-kontendenti kkonvenew *in iskritto* u, s’ intendi, b’ referenza ghall-kawza specifika in korso, ftehim li, ghall-kjarezza u pratticita qed jigi riprodott kif gej:-

(1) Fl-ewwel parti tieghu qablu li l-attur jizbanka s-somma ta’ elfejn erba’ mija u tletin lira, disgha u ghoxrin centezmu u tmien millezmi (Lm2430.29,8) li l-konvenuti kienu ddepozitaw fil-Qorti biex jiskansaw ruhhom mill-effetti tal-mandat ta’ qbid, sekwestru u impediment tas-safar spediti kontrihom mill-attur;

(2) Fit-tieni parti ta’ l-istess ftehim, il-konvenuta Carmen Lanteri obbligat ruhha li, oltre li thallas l-isdadenzi futuri tal-kera (para. 3), thallas ukoll ir-rata korrispondenti ta’ kera li skadiet fl-1 ta’ Lulju 1985. Kwantu ghat-tieni *instalment* rigward l-effetti mobili mibjugha gie mill-kontraenti pattwit li l-hlas taghha jibqa’ sospiz sakemm l-espert tekniku AIC Michael A. Refalo (li fil-frattemp kien gie nominat mill-Qorti fis-17 ta’ Gunju 1985 (fol. 25) ghall-iskop tal-vertifika tal-lanjanza tal-konvenuti dwar allegati difetti latenti) jaghmel il-konstatazzjonijiet tieghu (para. 2);

(3) Gie ulterjorment akkordat illi jekk jinstab li l-ammont likwidat f’ danni mill-imsemmi espert tekniku jkun jeccedi s-somma ta’ elf mitejn u hamsin lira (Lm1250) dovuta bhala *instalment* ghar-raguni gja mfissra, allura l-eccess fuq din is-somma kellu jigi ritenut mill-konvenuti mill-hlasijiet futuri minnhom dovuti bhala bilanc tas-somma pattwita ghax-xiri ta’ l-effetti mobili (klawsola 5 ta’ l-iskrittura tat-22 ta’ Gunju 1984);

(4) Fl-ahharnett il-partijiet qablu li malli jkun pubblikat ir-rapport tal-perit tekniku l-attur kellu jghaddi biex icedi l-kawza, b’ kull parti tbati l-ispejjez proprji taghha;

Stabbilit id-dettal tal-precitat ftehim, huwa ghal kollox inkoncepibbli u tal-misthija ghal din il-Qorti, kif presjeduta, kif din il-kawza kellha timporta daqstant tul ta’ zmien (kwazi 21 sena) ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza, bil-process appezantit b’ atti, xhieda u verbali ghal kollox inutili, u daqstant iehor futili, ghal vera kwestjoni kif koncepita fil-*petitum* tac-citazzjoni. Id-dixxiplina procedurali kienet certament tiddetta mod iehor. Primarjament, il-harsien ta’ dak il-principju ta’ korrispondenza bejn dak miltub u d-decizjoni mistennija dwaru. Decizjoni din li b’ necessita guridika trid tirrispekkja t-talba, konsiderata logikament fid-dawl tal-provi prodotti u tal-principji tad-dritt applikabbli ghalihom. Xejn aktar minn hekk. Zgur imbaghad il-Qorti mhix mistennija li, ghall-kumdita` tal-partijiet, tarbitra ‘l barra mill-argini tad-domanda billi tokkupa ruhha minn fatti u sitwazzjonijiet estraneji ghall-kontestazzjoni proprja u li

l-kontendenti ghogobhom jintroducu fil-process bhala xi *causa petendi* gdida.  Dan mhux biss ma huwiex accettabbli imma, addirittura, jirripunja ghall-intelligenza ta' din il-Qorti u ghall-andament kif imiss tas-sistema shiha ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja, b' hela ta' hin, energija u sprekar ta' spejjez ghall-istess litigandi;

Dan kollu qed jigi rilevat in kwantu, fuq l-interpretazzjoni taghha tal-precitata skrittura, u tal-fatt illi l-attur ghadda biex zbanka s-somma stabbilita fl-ewwel parti tal-ftehim (ara l-att ta' zbank, fol. 259), kellu jkun bil-wisq ovvju minn dak l-istess stadju illi l-meritu tad-domanda attrici kif propost kien ghal kollox ezawrit.  Din il-Qorti ma ssibx li hu korrett dak depost minn Dr. Tonio Farrugia (fol. 276) u minn Joseph Abela (fol. 327) fis-sens li l-izbank serva biex jithallsu l-kirjiet li saru dovuti wara l-prezentata tac-citazzjoni.  Sa dakinhar li saret l-iskrittura ta' ftehim fit-12 ta' Lulju 1985 l-unika skadenza ta' kera li lahqet ghalqet wara l-prezentata tac-citazzjoni kienet dik ta' l-1 ta' Lulju 1985 u dwar il-hlas taghha l-konvenuta obbligat ruhha bil-mod preskritt f' para. 2 ta' l-istess skrittura ta' ftehim. Minn dan isegwi illi dak kollu li sar wara dik l-iskrittura kien fil-verita` *res inter alios acta* ghat-talba konsegwita mill-attur u allura l-Qorti la tista' tindaga u wisq anqas tiddeciedi dak li ma ntalabx jew kien hekk jesorbita mill-isfera tad-domanda kif proposta.  La darba l-meritu kien ezawrit ma kienx anqas logiku li l-kawza titkompla biex jigu stabbiliti d-difetti in kwantu l-likwidazzjoni ta' dawn kellha se mai tikkompensa ma' hlasijiet futuri li riedu jsiru imma mhux ukoll dawk ghal liema saret it-talba, u li gew sodisfatti.  Dan apparti, imbaghad, il-kunsiderazzjoni legali ta' kemm setghu l-konvenuti jissollevaw l-aspett redibitorju *per via di eccezione*.  Ara **Kollez. Vol. XX  P I  p 280** u "**Dr. Toni Abela *nomine* –vs- Maurice Vassallo**", Appell, 19 ta' Mejju 2000;

Fix-xhieda tieghu Dr. Tonio Farrugia esprima l-hsieb illi l-iskrittura ta' ftehim tat-12 ta' Lulju 1985, ghalkemm sottoskritta mill-partijiet kollha, kompriz l-Avukati rispettivi taghhom, ma kienetx tirrapprezenta transazzjoni. B'dan,

presumibilment, huwa qed jintendi li l-ftehim ma jirrivestix fih l-elementi kollha tal-kuntratt ta' transazzjoni definit fl-Artikolu 1718, Kodici Civili u li d-duttrina legali trid, ghall-firmazzjoni ta' kuntratt bhal dan, oltre l-element tar-*res dubia*, li l-kontraenti, ghac-cessazzjoni tas-sitwazzjoni ta' dubju, jissagrifikaw xi wahda mill-pretensjonijiet taghhom ghaf-favur ta' xulxin. Ara "**Joseph Micallef *nomine* –vs- Raymond Vella**", Appell Civili, 8 ta' Marzu 1991;

Dan jista' jkun li hu hekk il-kaz. B' danakollu, pero`, lanqas ma ghandu jfisser li kull ftehim iehor dwar pretiza ta' drittijiet ma setax isir u ma setax jigi konkjuz anke jekk mhux in via ta' trasazzjoni, fis-sens strett tal-kelma precizat bl-Artikolu 1718. Kull komposizzjoni ohra tal-vertenza hi certament permissibbli u kapaci tintlahaq biex torbot lill-partijiet u biex tarresta l-accertament gurisdizzjonali tal-kontroversja u, b' hekk ukoll, taghti tmiem ghal kawza mibdija. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti tiddilunga ruhha aktar milli aspettat minnha fuq din il-kwestjoni;

In bazi ghall-kunsiderazzonijiet kollha maghmula huwa l-kaz li din il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti (fol. 255) fis-sens li tirriafferma li l-meritu huwa ghall-effetti kollha, ta' fatt u ta' dritt, ezawrit bil-ftehim milhuq fil-mori tal-gudizzju. B' danakollu billi hi tal-fehma li kien hemm htija reciproka taz-zewg kontendenti ghad-dilungar ezagerat u bla bzonn f' din l-istanza, huwa gust u xieraq li l-ispejjez gudizzjarji jigu ekwament spartiti bejniethom.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi ghar-ragunijiet kollha superjorment esposti, u, partikolarment in vista tal-ftehim tat-12 ta' Lulju 1985 raggunt bejn il-kontendenti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza. L-ispejjez gudizzjarji ghandhom jibqghu sopportati indaqs bejn l-istess kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------